


KONFERENZA  
TAR-RAPPREŻENTANTI  
TAL-GVERNIJET  
TAL-ISTATI MEMBRI

Brussell, 20 ta' Awwissu 2021  
(OR. fr)

10732/21

LIMITE

JUR 407  
INST 267  
COUR 45



**ATTI LEĠISLATTIVI U STRUMENTI OĦRA**

---

Suġġett: DEĊIŻJONI TAR-RAPPREŻENTANTI TAL-GVERNIJET TAL-ISTATI  
MEMBRI li taħtar Imħallef tal-Qorti Ġenerali

---

**DEĊIŻJONI (UE) 2021/...**  
**TAR-RAPPREŻENTANTI TAL-GVERNIJET TAL-ISTATI MEMBRI**

**ta' ...**

**li taħtar Imhalled tal-Qorti Ġenerali**

IR-RAPPREŻENTANTI TAL-GVERNIJET TAL-ISTATI MEMBRI TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 19 tiegħu,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 254 u 255 tiegħu,

Billi:

- (1) Il-mandati ta' tlieta u għoxrin Imħallef tal-Qorti Ġenerali skadew fil-31 ta' Awwissu 2019.
- (2) F'dan il-kuntest, is-Sur Pēteris ZILGALVIS ġie propost għall-kariga ta' Mħallef tal-Qorti Ġenerali.
- (3) Il-kumitat stabbilit permezz tal-Artikolu 255 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea ta opinjoni favorevoli dwar l-idoneità ta' dan il-kandidat għall-qadi tal-funzjonijiet ta' Mħallef tal-Qorti Ġenerali.
- (4) Jenħtieġ għalhekk li jinħatar is-Sur Pēteris ZILGALVIS għall-perijodu mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Deċiżjoni sal-31 ta' Awwissu 2025,

ADOTTAW DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Is-Sur Pēteris ZILGALVIS huwa b'dan maħtur Imħallef tal-Qorti Ġenerali għall-perijodu mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Deċiżjoni sal-31 ta' Awwissu 2025.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi ...,

*Il-President*

---